**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mark Camilleri**

**Seduta distrett Valletta**

**Illum 8 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Camilleri** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 88088 (M) billi huwa akkuzat talli nhar is-17 ta' Novembru, 2016, ghall-habta ta' 01.31am, gewwa dawn il-gzejjer:

1) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat.

2) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li iġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra.

3) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

4) Għamel lil Andrew Gerald Sciberras inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmi Andrew Gerald Sciberras u tapplika l-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz kontra l-imputat Mark Camilleri hu marbut ma' *emails* li baghat lill-*parte civile* Andrew Gerald Sciberras fis-17 ta' Novembru 2016 fejn qallu:

> *"L-unika kompromess li nistghu nilhqu bejnietna hu li jekk trid nirrakomandalek psikjatra tajjeb ghal ghajnuna."*

F'*email* ohra qallu:

> *Andrew, sincerely, I am not joking, I have a contact of a very good psychologist, and she would be very willing to help you on a professional basis. I think she could be very useful for you.*

Il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.

Il-Gudikant għandu "*jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix*

*konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**ARTIKOLI TAL-LIĠI APPLIKABBLI**

L-Artikoli li fuqhom inħarġu l-akkużi huma s-segwenti:

**Artikolu 49 tal- Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta – Att biex jirregola komunikazzjonijiet elettronici li jipprovdi li:**

> *Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
>
> *(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
>
> *(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
>
> *(c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jumli matulu jkompli r-reat.*

**L-Artikolu 339 (1) (e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Kodici Kriminali li jipprovdi:** *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min- jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;*

L-ESPRESSJONI HIELSA TAL-KELMA

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe**[1] li:

> *"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ***L. De Haes and H. Gijsels v. Belgium***[2] qalet li:

> *"… the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language."*

Fil-kaz ***Barford v Denmark***[3] intqal li:

> *"the great importance of not discouraging members of the public, for fear of criminal or other sanctions, from voicing their opinions on issues of public concern."*

Fil-kaz ***Ozgur Gundem v Turkey***[4] kien sostnut li:

> *"genuine, effective exercise of this freedom does not depend merely on the State's duty not to interfere, but may require positive measures of protection, even in the sphere of relations between individuals. In*

[1] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149
[2] *Appl. No. 19983/92, report of 29 November 1995, para. 63*
[3] 22 February 1989, *Series A No. 149*, para. *29*
[4] 16 March 2000, Reports 2000-III, para. 43

*determining whether or not a positive obligation exists, regard must be had to the fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interests of the individual"*

Is-sinifikat li ghandha f'demokrazija l-Espressjoni Hielsa tal-Kelma kienet spjegata mill-***Inter-American Court of Human Rights***:

*Freedom of expression is a cornerstone upon which the very existence of a democratic society rests. It is indispensable for the formation of public opinion. It is also a condition sine qua non for the development of political parties, trade union, scientific and cultural societies and, in general, those who wish to influence the public. It represents, in short, the means that enable the community, when exercising its opinions, to be sufficiently informed. Consequently, it can be said that a society that is not well informed is not a society that is truly free.*[5]

Meta l-Qorti hi rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn trid tohloq bilanc bejn interessi varji bhal f'dan il-kaz il-protezzjoni tal-Dritt tal-Espressjoni tal-Kelma u l-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-inidividwu trid:

*When faced with a conflict between competing rights and interests, courts usually favour a judicial approach where the relevant rights and interests are "harmonized" with due regard to the particular circumstances of each case. Such ad hoc balancing is more an artistic exercise than a scientific one as the circumstances of each case will ultimately determine which norm shall prevail.*[6]

[5] *Compulsory Membership in an Association Prescribed by Law for the Practice of Journalism (Arts 13 and 29 American Convention on Human Rights)*, Advisory Opinion OC-5/85, 13 November 1985, Series A, No 5, para 70.
[6] Laurent Pech, Balancing Freedom of the Press with Competing Rights and Interests, A Comparative Perspective, 2006, http://papers.ssrn.com/sol3/papers.cfm?abstract_id=909507

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**Akkuzi marbuta mal-Kap 399**

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti ma taqbilx li l-ligi fl-artikolu 49(c) qed tikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu ikun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007.

Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolaemtn ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:

> "DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. **Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.**
>
> [...]
>
> DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa **nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use.** Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. **Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża aparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija."** (enfasi tal-Qorti)

Min dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-

kappa tax-xemx, maghdua kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi **interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.**

Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrfu propost ma inghatax il-barka mill-Legislatur u gie eliminat: *"(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:

> 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika **biex isir theddid.**' (enfasi tal-Qorti).

Dwar l-akkuza ta' theddid permezz ta' uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, fis-sentenza moghtija tat-12 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Gauci** il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi:

> 'Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – **xi forma ta' hsara ingusta fil-futur** (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv.'[7] (enfasi tal-Qorti)

[7] Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija vs Joseph Gauci, 12 ta' Gunju, 2003.

Il-Qorti tirreferi ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie deciz li:

> 'Il-kelma 'purċinell' hija ġenerika ħafna. **Il-Qrati tagħna aċċettaw espressjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu aktar offensivi minn hekk u sabu li dawn jingħadu fuq kulħadd bla distinzjoni u għalhekk mhux inġurjużi.** L-istess qed tikkonkludi din il-Qorti dwar din il-kelma 'purċinell' għaliex din il-klema tingħad għal kull ħaġa ta' xejn u mhux xi kelma li tattakka xi karateristika jew għemil spċejali li jintrabtu ma' persuna partikolari.'[8] (enfasi tal-Qorti).

Il-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef William Harding, fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Emmanuele Cassar**[9], deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 intqal li:

> *"Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) ikunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-elementi formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ... Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe' dana l-**animus injuriandi**, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero', il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagni biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad*

[8] Appell Kriminali Numru. 89/2013, Il-Pulizija Kontra Omissis u Simona Vella, 24 ta' Marzu, 2014
[9] Kollez. Drciz. Vol. XXIX.IV.593 liema decizjoni kienet ikkwotata mill-Imhallef Vincent DeGaetano fid-decizjoni Il-**Pulizija vs Amante Camilleri** fis-17 ta' Ottubru 1997.

*li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (**animus jocandi**) jew filwaqt li l-agent ikun legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (**animus reclamandi**). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb ta' l-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha: il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dak il-kliem ikun intqal **animus reclamandi**."*

Issa din il-Qorti tosserva illi dan il-kaz jitratta dwar ingurji u theddid li allegatament sehhew permezz ta'l-informatika u cioe' tramite *e-mails*.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-partijiet tal-emails, b'liema partijiet Sciberras jghid li hassu malafamat (u ngurjat). Il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda wahda mill-partijiet elenkati mill-kwerelant fid-depozizzjoni tieghu ma tista' titqies li hija malafamanti fil-konfront tieghu. Minkejja li kumment wahdu jista' jitqies bhala kumment azzardat u forsi wkoll malafamanti, pero wiehed irid jara l-kuntest kollu u l-assiem kollu f'daqqa u mhux il-kumment wahdu[10].

[10] *Vide* **Monsinjur Anton Gauci vs. Michael Schiavone** deciza fit-8 ta' Novembru 1995 mill-Qorti tal-Appell Civili

Issa l-imputat fir-rigward tal-akkuza jishaq illi l-kliem ma kienx ingurjuz inghad minnu biex genwinament jghin lill-parti leza.

Kienu dawn il-fatturi li wassluh sabiex jibghat l-email inkriminanti. Illi jirrizulta li l-imputat gie akkuzat bl-ingurja kontravvenzjonali mhux bl-ingurja dellitwali fejn f'din ta'l-ahhar l-"animus injurandi" huwa element mehtieg, jigifieri l-propozitu doluz, jew almenu l-koxjenza doluza, li l-kwerelat qieghed jghid xi haga li tnaqqas l-istima u r-riputazzjoni, jew l-unur, jew ir-rispettabilita' tal-kwerelant, jew li tesponieh ghad-disprezz.

Illi kif gie deciz:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi* ***iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata*** *("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.*

Issa il-fatti li rrisultaw f'dan il-kaz kienu bla dubbju jinkwadraw ruhhom fir-reat kontravvenzjonali, u mhux fid-delitt kontemplat fl-Artikolu 252 imsemmi.

Illi l-imputat, fl-ewwel lok jidher illi  l-akkuzi addebitati lilu huma dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b)u (c) ta' artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu

mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu.

Illi mill-provi prodotti  dak ravvizat fis-sub-inciz (c) ma jirrizultax.

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 49 tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat Mark Camilleri hati u tilliberah minn kull akkuza.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**